# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Deelian Mifsud**

**Kumpilazzjoni 428/2024**

**Illum, 21 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza prezentata f'isem ir-Repubblika ta' Malta nhar l-20 ta' Mejju 2024 kontra:

**DEELIAN MIFSUD** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bin missier mhux maghruf u Stefania Mifsud nee' Mifsud, imwieled fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999), iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz numru 17, Triq Cappelli, ix-Xewkija (Ghawdex), Malta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0018600L;

**Akkuzat** talli nhar l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) ghall-habta ta' bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) u s-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) ġewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Rahal Gdid, Malta, u/jew fi bnadi ohra ġewwa dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Hasam Samuel Ezeldin, f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Hasam Samuel Ezzeldin u cioe ferita ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dott. Christopher Cardona ( Med Reg Nru 3961), liema reat sar minn persuna waqt li huwa priġunier;

2. Fl-isess hin, lok u ċirkostanzi irrendejt ruhek reċidiv billi kkomettejt reat iehor wara li kont ikkundannat ghal reat b'sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jiġu mhassra.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lil Deelian Mifsud bhala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiża u cioe ta' Hasam Samuel Ezzeldin jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imġieba ohra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat Deelian Mifsud skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

Rat illi l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2024.[2]

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Rat in-nota tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar is- sitta (6) ta' Jannar elfejn u hamsa u ghoxrin (2025).[4]

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2025[5].

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet[6].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] Folio 1 sa 3 tal-process

[2] Folio 6 tal-process.

[3] Folio 20 sa 30 tal-process.

[4] Folio 150 tal-process.

[5] Folio 151 tal-process.

[6] Folio 155 u 156 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda allegatament aggressjoni minn naha tal-imputat fuq il-vittma Hasam Samuel Ezzeldin meta dawn it-tnejn kienu detenuti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordini nhar l- 10 ta' April 2024. Jidher li l-vittma sofra xi griehi waqt din l-aggressjoni. L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li huwa recediv.

**Provi**

Xehed l-allura **Spettur Paul Camilleri** li qal li gie infurmat b'argument li inqala' bejn l-imputat u l-vittma waqt li dawn kienu gol-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nahr l-10 ta' April 2024. Jghid li t-tabib gewwa l-Facilita', Dr. Christian Cremona iccertifika lill-vittma li kellha xi griehi f'wiccu. Mistoqsi mill-pulizija x' kien gara, l-imputata ghazel li ma jwiegibx. Is-Sur Camilleri ezebixxa diversi dokumenti in relazzjoni mal-kaz odjern.[7]

Xehed **Dr. Christopher Cremona** nhar is-17 ta' Lulju 2024 fejn ikkonferma l-griehi fuq id-detenut Samuel Hasam Ezzedin. Jghid li minn ezami ulterjuri il-griehi gew ri-klassifikati minn gravi ghal hfief.[8]

Xehed **CO 24 Justin Ellul** fejn ikkonferma li kemm l-imputat kif ukoll il-vittma kienu residenti l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan fl-10 ta' April 2024. Jghid li l-vittma u l-imputat kienu fl-istess cella go divizjoni hdax (11) cella numru tlettax (13).[9]

[7] Folio 13 tal-process. Ara ukoll ix-xhieda tieghu a folio 98 nhar id- 19 ta' Novembru 2024 fejn jispjega l-procedura tar-rapport mill-habs.
[8] Folio 33 tal-process.
[9] Folio 38 tal-process. Il-Qorti tinnota il-behaviour report a folio 59 sa 65 tal-process.

Xehdet **Dr. Amanda Abela** nhar it-30 ta' Lulju 2024 u spjegat l-analizi tal-x-ray li hadet lill-vittma. Tghid li ma kienx hemm ksur gdid u li kien diga' operat u kellu hadida fil-"left mandible".[10]

Xehed **Hamsa Samuel Ezzeldin** nhar is-6 ta' Awwissu 2024 u qal li xtaq li jwaqqa' l-kaz u li jahferl lill-imputat. Jghid li kien hemm argument ta' bejniethom fis-sahna tal-mument. Jghid li l-incident gara Kordin, il-habs. Jghid li ma fthemux u gew fl-idejn.[11]

Xehed **PS 462 Darren Farrugia** nhar is-6 ta' Awwissu 2024 u qal li hu gie infurmat bl-incident u mar jinvestiga. Il-vittma qallu s-segwenti meta tah id-drittijiet legali tieghu:

**'…….dak in-nhar stess waqt li kien ha johrog mic-cella, dahal fic-cella Deelian, tefghu mas-sodda u tah daqqa b'rasu f' imniedhru u wara qabdu minn-ghonqu. B'id minnhom zammlu ghaonqu u bl-ohra tah daqqa ta' ponn, wahda f'ghajnejh u l-ohra f'wiccu…'**[12]

Qal li l-imputat ezercita id-dritt tieghu tas-silenzu u kellem lil CO 402 li qallu meta beda jiftah ic-cella sema' xi storbju. Meta fetah ic-cella l-vittma qallu li gie aggredit u sab lill-imputat fuq is-sodda. Hu informa lill-iSpettur Camilleri b'dak li kien sehh.

Xehed **CO 402 Clayton Vella** nhar is-17 ta' Settembru 2024 u qal li kienu qed jifthu c-cellel u huwa sema' storbju gej mic-cella tlettax (13). Fetah il-

[10] Folio 77 tal-process.
[11] Folio 81 tal-process.
[12] Folio 84 u 85 tal-process.

bieb u ra lil Ezeldin b'daqqiet f'wiccu. Staqsieh x'kien gara u qallu li kienu iggieldu.[13]

Xehed **PS 1219 Jurgen Vassallo** u qal li hu mar jassisti lil PS 462 fuq ir-rapport.[14]

Xehdet **Marica Mifsud** nhar id-19 ta' Novembru 2024 in rapprezentanza tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali li esebiet is-segwenti sentenzi fil-konfront tal-imputat:

1. Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 20 ta' Ottubru 2020 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera fejn inghata ordni ta' probation ghal zmien tlett snin;[15]
2. Sentenza tal-Qorti tal-Magsitrati (Ghawdex) per Magistrat Dr. Simone Grech datat 16 ta' Gunju 2023 fejn instab hati ukoll tal-addebitu tar-recediva u ikkundannatu sentejn prigunerija effettiva.[16]
3. Sentenza mill-Magistrat Dr. Lara Lanfranco datata 21 ta' Novembru 2022 fejn inghata twiddiba u canfira.[17]

Xehed l-**iSpettur (Facilita Korrettiva ta' Kordin) Noel Mifsud** nhar it-3 ta' Dicembru 2024 fejn qal li kien in-charge mic-central u kien duty officer fejn gie infurmat bil-glieda.[18] Hu spjega x' inhi il-procedura interna tal-habs meta tinqala' glieda bejn id-detenuti.

[13] Folio 90 tal-process.
[14] Folio 92 tal-process.
[15] Folio 102 tal-process.
[16] Folio 137 tal-process. Tghid li din sar appell minnha li gie deciz mill-Qorti f' Ghawdex fit- 30 ta' Ottubru 2023 u kien hemm multa. Folio 139 – Ewro 281.40c.
[17] Folio 142 tal-process.
[18] Folio 144 tal-process.

Xehed **CO Clint Zahra** fejn qal li fic-cella tal-incident ma kienx hemm CCTV.[19]

**Ikkunsidrat:**

L-artikoli tal-ligi li jirrigwarda din il-vertenza u li huma citati fir-rinviju tal-Avukat Generali huma s-segwenti:

Sub-titolu II

FUQ L-OFFIŻI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA

214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.

215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.[20]

221.(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.

[19] Folio 147 tal-process.

[20] L_Avukat General jikkwota ukoll l-artikolu 216. Pero' gie stability li l-feriti li kellu l-vittma kienu ta' natura hafifa u ghalhekk japplika l-artikolu 221.(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.

(4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), **ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża**, minnbarra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b)[21].

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza targument principarjament zewg affarijiet biex titlob li l-imputat jinheles mill-akkuzi odjerni:

1. Li kien hemm rinunzja tal-vittma;
2. Li l-imputat iddefenda ruhu minn aggressjoni tal-parte civile.

Fuq dan il-punt il-Qorti mill-ewwel tghid li dan ma jirrizultax mill-atti. L-imputat ma tax il-verzjoni tieghu lill-ufficjali investigattivi u lanqas xehed quddiem din il-Qorti, kif del resto kellu kull dritt li jixhed. Pero' ma gabx provi, tal-anqas fuq bazi ta' probabilita' biex din il-linja ta' difiza tirnexxi b' xi mod. Kif jargumenta tajjeb l-avukat difensur lanqas certifikat mediku ma gie esebit li forsi tista' tghid li fl-allegat aggressjoni l-imputat sofra xi tip ta' griehi.

Il-Qorti ghalhekk tqis li ghandha tichad din il-linja ta' difiza mressqa mill-imputat.

**Ikkunsidrat:**

[21] Enfasi ta' din il-Qorti.

L-abbli avukat difensur jargumenta li ma kien hemm l-ebda kwerela minn naha tal-parti offiza u jkomplu jargumenta li mal-ewwel opportunita' li kellu l-vittma hafer lill-imputat u sahansitra ried iwaqqa' l-kaz.

Il-Qorti taqbel ma' dan bhal sustanza ta' fatt **pero' wiehed ma jistax jinsa li l-incident sehh fuq prigunier li ghandu limitazzjonijiet kbar biex jaghmel kwerela minhabba li qieghed f'facilita' korrettiva. Barra minn hekk meta mar fil-Facilita Korrettiva is-Surgent 462 Darren Farrugia mhux talli l-vittma ma qallux li ma jridx imexxi kontra l-imputat tant li tah il-verzjoni tieghu tal-incident u ghalhekk din l-istanza hija l-kwerela *de facto* tal-vittma fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

Din il-Qorti ukoll hadet nota tas-sentenza li ikkwota l-abbli avukat prosekutur, ossija, **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Jefrin Grech** (App. Nru. 323/2011) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Settembru 2012 per Onorevoli Imhallef Lawrence Quintano fejn intqal is-segwenti:

*Skont l-artikolu 373 tal-Kapitolu :*

*'373. Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:*

*Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn*

*iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l -azzjoni kriminali u* ***ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat****, il Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.'*[22]

*Fil-proviso ta' dan l-artikolu hemm żewġ kondizzjonijiet:*

*(a) Jekk tkun tinħtieġ il-kwerela tal-offiż, jekk ikun hemm jew vjolenza pubblika jew ikun hemm xi reat li jmiss l-ordni pubbliku, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni. Fil-każ in eżami, kull waħda mill-imputazzjonijiet taqa' taħt l-artikolu 370 tal-Kapitolu 9. Huwa għall-ħames imputazzjoni biss li tinħtieġ il-kwerela. Biss din il-ħames imputazzjoni hija akkumpanjata b'imputazzjonijiet oħrajn li jolqtu l-ordni pubbliku. Isegwi li l-Pulizija setgħu imexxu ex-ufficio.*

*(b) Li kieku l-Pulizija ma setgħux jimxu skont l-ewwel kondizzjoni, żgur setgħu jimxu taħt it-tieni kundizzjoni għaliex min għamel il-kwerela kellu biss erbat ijiem żmien sabiex jitlob li titneħħa din il-kwerela. Bejn it-8 ta' Ġunju 2009 (meta seħħ l-allegat reat) u l-verbal li sar fil-21 ta' Ġunju 201, żgur li għaddew aktar minn erbat ijiem. Għaldaqstant il-Pulizija setgħu imexxu ex-ufficio taħt din il kondizzjoni wkoll.*

*Għalhekk l-ewwel Onorabbli għamlet enunċjazzjoni ħażina tal-Liġi ai termini tal-artikolu 413(1)(iv)(iv) għaliex il-Qorti ma setetx taqta' u tiddeċiedi li l-proċediment kien eżawrit .*[23]

[22] Enfasi tal-Qorti.
[23] Pagna 4 u 5 tas-sentenza.

Issa l-incident ma hemmx dubbju li kien ikkawzat mill-imputat li hebb ghal vittam u li gara fl-10 ta' April 2024. L-imputat xehed quddiem din il-Qorti l-ewwel darba nhar is-6 ta' Awwissu 2024, dunque l-erba' t'ijiem koncessi lura mil-ligi fejn seta' jirtira l-kwerela fil-konfront tal-imputat kienu ilhom sew li ghaddew.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, wara l-erba' t'ijiem il-kawza giet presigwibbli ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva u l-mahfra jew nuqqas ta' hegga li jipprosekwixxi l-vittma kontra l-imputat wara li ghaddew l- erba' t' ijiem tista' issa tiqies biss ai fini ta' piena.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li huwa recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tinnota li:

1. Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 20 ta' Ottubru 2020 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera fejn l-imputat tpogga taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin **ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' recediva**;

2. Sentenza tal-Qorti tal-Magsitrati (Ghawdex) per Magistrat Dr. Simone Grech datat 16 ta' Gunju 2023 fejn sabitu hati ukoll tal-addebitu tar-recediva u ikkundannatu sentejn prigunerija effettiva ukoll **ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai termini ta' recediva ghax ix-xhud li ipproduciha qal ben car li kien hemm appell minn din is-sentenza li gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell Ghawdex pero' ma giet prodotta l-ebda kopja ta' dik is-sentenza, u ghalhekk din ma tirrizultax in atti.**

3. Sentenza mill-Magistrat Dr. Lara Lanfranco datata 21 ta' Novembru 2022 fejn inghata twiddiba u canfira u konsegwentament **ma tistax tigi kunsidrata ai fini ta' recediva**.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ghandha tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Ghall-fini ta' piena l-Qorti ikkunsidrat is-segwenti:

1. Il-fedina penali tal-imputat hija wahda refrattarja;
2. Il-vittma hafer lill-imputat f'dawn il-proceduri u xtaq li jwaqqafhom;
3. Jirrizulta mill-atti li l-imputat lanqas fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordina ma jgib ruhu sewwa u dan mhux biss ghal dak li jirrigwarda l-incident odjern;
4. Ir-reat sehh gewwa facilita' korrettiva;
5. L-eta' mhux daqstant zaghzugha tal-imputat li suppost issa beda jimmatura sew.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 33A, 214, 215, 216, 49 u 50 qed issib lill-imputat **DEELIAN MIFSUD HATI** tal-ewwel (1) akkuza filwaqt li qed issib lill-imputat **DEELIAN MIFSUD MHUX HATI** tat-tieni akkuza u qed tilliberah minnha, u in vista tal-mahfra tal-parte civile tqis li piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja u ghaldaqstant qed tikkundannah lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' sitt

(6) xhur li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

Inoltre il-Qorti qeghda wkoll  tohrog **Ordni ta' Trazzin** kontra l-imputat u favur il-vittma Hasam Samuel Ezzeldin ghal zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikoli 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 21 ta' Mejju 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Heidi Zammit

Deputat Registratur